

# Qabel u wara – Sirna Parroċċa mill-ġdid

kitba ta' E. Camilleri

Daħlet id-drawwa sabiħa li fil-bliet u rħula ta' Malta u Għawdex l-każini tal-baned kull sena jistampaw ktejjeb b'xi informazzjoni dwar il-festa tal-parroċċa u wkoll dwar l-attivitajiet li jkunu se jsiru fl-okkażjoni tal-festa. Kultant jingħata tagħrif interessanti dwar l-istorja tal-każin jew tal-parroċċa fejn tkun se ssir il-festa.

Il-każin tal-Banda "IMPERIAL" ilu ħafna snin, meta toqrob il-festa tal-Vitorja, joħroġ, kull sena, ktieb bħal dan. B'hekk, il-Melleħin u ħafna storiċi oħra jsiru jafu iżjed fuq l-istorja ta' pajjiżhom. Minn dokumenti li nsibu nafu li s-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa kien parroċċa flimkien ma' oħrajn imxerrdin fil-kampanja Maltija, imma l-Mellieħa kienet spiss tkun attakkata mill-Misilmin jew il-pirati li kienu jinżlu l-art, jisirqu u jagħmlu l-ħsara lin-nies li kienu jgħixu fil-qrib.

Dan kien ifisser li għal xi żmien il-parroċċa tagħna ma kien hemm ħadd min jieħu ħsiebha kif jixraq. In-nies ukoll kienu jħossu li hu diffiċli li tibqa tgħix f'dan il-periklu u f'dan il-biża. Għalhekk il-Mellieħa spiċċat minn parroċċa. Il-ftit bdiewa li kien hawn ingħaqdu man-Naxxar, mal-Mosta jew ma' l-Imdina. Għalkemm spiċċat minn parroċċa, l-Isqfijiet ta' Malta baqgħu jagħtu l-importanza lis-Santwarju tal-Madonna. Fis-sena 1834, il-Mellieħa saret viċi parroċċa tan-Naxxar imma x-xewqa tal-Isqof ta' Malta kienet li l-Mellieħa tinqata minn Naxxar u ssir parroċċa għal rasha. Imma nqalgħu diffikultajiet kbar.

Mhux inqas minn 100 paġna ta' manuskritti jitkellmu fuq dawn il-problemi li nqalgħu sakemm saret parroċċa fis-sena 1841 meta ħarġet il-Bolla tal-Papa Gregorju XVI. Id-digriet tal-Isqof ta' Malta ġġib id-data tal-10 ta' Marzu 1841. Kif jgħid Patri Alexander Bonniċi O.F.M., Conv., l-awtur tal-ktieb fuq il-"Mellieħa", wara 400 sena, il-parroċċa tal-Mellieħa saret parroċċa mill-ġdid. Kien bidu li fetaħ il-bieb għall-progress u storja ġdida fil-ħajja tal-Mellieħa.

Wara l-attakki tal-furbani, is-serq u l-ħsara li ġarrbet il-Mellieħa fis-snin ta' qabel, il-komunità tal-Mellieħa bdiet tqum fuq saqajha. L-attakki tal-furbani spiċċaw u n-nies bdew jersqu lejn il-bejta tagħhom u l-popolazzjoni bdiet tiżdied. Skond speċi ta' ċensiment li sar f'Ġunju 1844, fil-Mellieħa kienu jgħixu 517 il-ruħ, 251 irġiel u 266 nisa. Dan iċ-ċensiment (Status Animarum) sar mill-kappillan u ma sarx kif isir illum triq triq imma skond fejn kienu jgħixu u joqgħodu n-nies dak iż-żmien. Insibu li fil-Mellieħa kien hawn 108, Selmun 94, Għajn Żejtuna 87, L-Aħrax 22 ruħ, Miżiep 39, il-Qammieħ 21, Imġiebaħ 23, Il-Blata 13, Il-Karkara 12, Tas-Salib 5, San Niklaw 15, Qasam Barrani 8, Ġnien Ingraw 40 u l-Għadira 14.

Jekk nirriflettu ftit fuq dawn il-figuri nsibu li dawn in-numri juruna li fejn insibu l-iżjed nies hu fejn hemm art tajba u fejn issib l-ilma u għalhekk ikun hemm raba saqwi.

Skond dan iċ-ċensiment il-popolazzjoni kienet tilħaq 517 il-ruħ imma minn dawn 105 biss kienu joqgħodu fil-Mellieħa u erba darbiet iżjed kienu jgħixu barra mir-raħal. Jidher li l-biċċa l-kbira kienu bdiewa.

Irridu nżommu f'moħħna li 160 sena ilu, fil-Mellieħa, la kien hawn dawl elettriku, la ilma tal-vit, la drenaġġ, la fran, ftit ħwienet tal-merċa u ftit ħwienet tal-kafè.

Il-ħajja saret aħjar. Ix-xogħol żdied u iżjed nies bdew ifittxu dawn l-inħawi biex jgħixu fil-kwiet.

Skond l-aħħar ċensiment, il-popolazzjoni tal-Mellieħa saret iżjed minn 7000 u x-xogħol mhux marbut mal-biedja iżda x-xogħol kiber u tferrex. Waqt li dak iż-żmien ma kontx tara nisa jaħdmu, illum ħafna nisa joħorġu kull fil-għodu għax-xogħol tagħhom. Il-ħajja nbidlet bħal lejl minn nhar. Il-Mellieħa "ta' wara l-muntanji" saret dar maħbuba u mixtieqa.

Minn dak iż-żmien 'l hawn ir-raħal tagħna għadda minn tibdil kbir. Għadda minn żewġ gwerer. L-ewwel mill-Ewwel Gwerra l-Kbira, dik tal-1914-1918 u t-Tieni Gwerra l-Kbira, dik tal-1939-1945. L-ewwel gwerra ma ħallietx ħsarat bil-bombi tal-gwerra imma t-tieni ħalliet qerda u











straġi kbira fil-bliet u rħula qrib il-port, it-tarzna u l-aerodromes imma l-Mellieħa ma kellniex ħsarat kbar. Imma ħafna nies batew il-guħ. Din is-sena, fil-15 ta' April 2008, fil-Belt quddiem il-Palazz sar "enactment", ċerimonja ta' dak li sar fl-istess post 66 sena ilu. Dak in-nhar tqassmet karta li fakkret li r-Re Ġorġ VI kien ta lil Malta l-unur tal-George Cross bħala ħlas għall-kuraġġ u għas-sagrifiċċju li ġarrab il-poplu Malti f'din il-gwerra. Sa nsemmi ftit minn dawn. Attakki mill-ajru saru 3343 li damu sejrin 2375 siegħa. Fis-snin bejn l-1940 u l-1944 mietu 1481 ruħ u nies midruba kien hemm 3780, bini mġarraf kellna 10760. Ma' dawn irridu nżidu l-vapuri u l-frejgati li għerqu u ntilfu fil-gwerra fil-convoys li wasslu l-ikel u munizzjon fis-snin koroh tal-gwerra.

Mela meta fuq il-Bandiera Maltija naraw il-"George Cross" niftakru fit-tbatija u l-kuraġġ li ġarrab il-poplu Malti f'din l-aħħar gwerra.